MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta tal-21 ta' Frar, 2006

Talba Numru. 1970/2005

**Frank Borda Limited - C446**

**Vs**

**Lesley Muscat I.D. 122969 (M) u Susan Muscat I.D. 255869 (M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fil-15 ta' Dicembru 2005, fejn intalab li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta' tlett mija u zewg Liri Maltin u ghoxrin centezmu (Lm302.20), ghar-ragunijiet imsemmija fl-Avviz imsemmi, bl-imghax legali u bl-ispejjes.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta` attrici sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament u b'hekk il-

kreditu jigi ppruvat (Artikoli 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikati regolarment, il-konvenuti naqsu u ma dehrux la fis-seduta tas-7 ta' Frar 2006, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) tal-KAP 380 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuti ihallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta' tlett mija u zewg Liri Maltin u ghoxrin centezmu (Lm302.20), bl-interessi kif mitluba fl-Avviz u bl-ispejjez mitluba u dawk ta' dina l-istanza li ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------